

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Leġiżlazzjoni U Każistika](#) > [Il-pubblikazzjoni Ta' Avviżi Uffiċjali](#) > [Romania](#)

Il-pubblikazzjoni ta' avviżi uffiċjali

Il-kontenut ipprovdut minn Rumanija

Rumanija



L-informazzjoni f'din il-paġna tikkonċerna l-avviżi uffiċjali maħruġa minn istituzzjonijiet pubbliċi (notifiki, atti proċedurali, eċċ.) li mhumiex leġiżlattivi fin-natura tagħhom jew li ma jistabbilux obbligi applikabbli b'mod ġenerali imma li jkunu ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew f'pubblikazzjonijiet oħrajn, u li huma disponibbli onlajn f'forma elettronika, skont il-liġi applikabbli. Għalhekk, la l-atti leġiżlattivi u lanqas is-sentenzi tal-qorti ma jkunu kkunsidrati, ħlief dawk li jridu jiġu ppubblikati biex jiksbu ċertu effett legali (eż. sentenzi tal-qorti relatati ma' insolvenza).

Il-materjali mhux eżawrjenti, peress li tindirizza ċerti każijiet mill-perspettiva ta' publikazzjoni ta' avviżi uffiċjali, b'mod iktar speċifiku: atti ppubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, atti ppubblikati fil-portal u s-sit web tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali (*Oficiul Național al Registrului Comerțului*) jew fil-Bullettin tal-Insolvenza, u atti ppubblikati fil-Portal tal-Qrati.

Fuq liema sit(i) web jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

I. Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija

Il-Kumpanija Awtonoma "Monitorul Oficial" tippubblica l-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija kemm f'format stampat u kemm f'format elettroniku. Għal dettalji dwar l-atti ppubblikati u dwar id-disponibbiltà onlajn tagħhom, jekk jogħġbok ara t-taqsimiet li ġejjin.

Il-prodott elettroniku (e-Monitor) jinsab [f'dan l-indirizz](#).

II. Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali (ONRC)

a) Qabel ma jibdew l-attività ekonomika tagħhom, il-professionisti għandhom l-obbligu japplikaw għal reġistrazzjoni / elenkar fir-reġistru kummerċjali, u waqt l-operat tan-negozju tagħhom jew wara t-tmiem tan-negozju, iridu jitolbu ż-żieda ta' noti mar-reġistru kummerċjali fir-rigward tal-atti u l-fatti rikjesti mil-liġi.

Ir-reġistrazzjoni fir-reġistru kummerċjali tfisser publikazzjoni legali mill-ONRC: ir-reġistrazzjonijiet, id-data u l-atti rreġistrati jkollhom effett fuq terzi mid-data tar-reġistrazzjoni jew tal-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew fis-sit web / fil-portal tas-servizzi tal-ONRC skont il-liġi.

Ir-reġistrazzjoni u n-noti jkollhom effett fuq terzi mid-dħul tagħhom fir-reġistru kummerċjali jew mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, fil-Parti IV jew VII, jew f'pubblikazzjoni oħra, meta jkun previst mil-liġi.

- [Is-sit web tal-ONRC](#)
- [Il-portal tas-servizzi tal-ONRC](#)

b) L-ONRC jippubblica wkoll il-Bullettin tal-Insolvenza f'format elettroniku: it-taqsimi li tipprovdi s-servizz pubbliku tan-notifika tad-dokumenti lill-partijiet, tal-komunikazzjoni tas-sentenzi u tal-konvokazzjoni u n-notifika ta' atti proċedurali maħruġa mill-qrati / amministraturi tal-insolvenza / likwidaturi maħtura mill-qorti / persuni awtorizzati oħrajn skont il-proċedimenti tal-insolvenza b'konformità mal-Liġi Nru 85/2014 dwar il-proċeduri li jipprevjenu l-insolvenza u l-proċedimenti ta' insolvenza, kif emendata u ssupplimentata sussegwentement, u t-taqsimi "Debituri - persuni fiżiċi b'obbligi li mhux ġejjin mill-operat ta' negozju" (*Debitori - persoane fizice cu*

obligații ce nu decurg din exploatarea unei întreprinderi) b'konformità mal-Liġi Nru 151/2015 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza għall-persuni fiżiċi.

Għall-*professjonisti* koperti mil-Liġi Nru 85/2014 dwar il-proċeduri li jipprevjenu l-insolvenza u l-proċedimenti ta' insolvenza, kif emendata u ssupplimentata sussegwentement, l-atti proċedurali nnotifikati / mibgħuta mill-qrati, minn ħaddiema fil-qasam tal-insolvenza (amministraturi tal-insolvenza / likwidaturi maħtura mill-qorti), u minn persuni awtorizzati oħrajn skont il-liġi jiġu ppubblikati fil-*Bullettin tal-Insolvenza*, pubblikazzjoni aċċessibbli fuq il-portal [tas-servizzi onlajn tal-ONRC](#).

Is-sentenza li tiżgura l-pjan ta' riorganizzazzjoni tad-debitur (il-professjonist), bħala att proċedurali, skont il-Liġi Nru 85/2014 dwar il-proċeduri li jipprevjenu l-insolvenza u l-proċedimenti ta' insolvenza, kif emendata u ssupplimentata sussegwentement, tiġi ppubblikata fil-Parti IV tal-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija.

Għall-*persuni fiżiċi* koperti mil-Liġi Nru 151/2015 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza għall-persuni fiżiċi, l-atti proċedurali nnotifikati / ikkonsenjati mill-bord tal-insolvenza, l-amministratur proċedurali, il-likwidatur u l-awtoritajiet tal-qorti huma ppubblikati fit-taqsima "Debituri - persuni fiżiċi b'obbligi li mhux ġejjin mill-operat ta' negozju" tal-*Bullettin tal-Insolvenza*, pubblikazzjoni aċċessibbli mis-sit <http://www.bpi.ro/>.

III. Il-Portal tal-Qrati

Il-Portal tal-Qrati huwa amministrat mill-Ministeru tal-Ġustizzja. Kull qorti fir-Rumanija għandha sit web fuq dan il-portal. L-informazzjoni fuq dawn is-siti tiddaħħal u tiġi aġġornata direttament mill-persunal tal-qorti, ħliet informazzjoni dwar każijiet u laqgħat, li tittieħed awtomatikament mis-sistema elettronika ta' ġestjoni tal-każijiet użata fil-livell tal-qorti.

Biex taċċessa sit web ta' qorti partikolari [mill-paġna ewlenija](#) tal-Portal tal-Qrati, trid tagħżel ir-reġjun li l-qorti tappartjeni lilu (iż-żona ġurisdizzjonali ta' qorti tal-appell) u mbagħad dik il-qorti mil-lista.

Liema avviżi huma ppubblikati?

I. Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija

F'termini ta' avviżi uffiċjali, skont il-Liġi Nru 202 tad-9 ta' Novembru 1998 dwar l-organizzazzjoni tal-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, kif ippubblikata mill-ġdid:

- Dawn li ġejjin jiġu ppubblikati fil-Parti III, fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet legali: atti legali, dokumenti, notifiki, avviżi u oħrajn simili (eż. avviżi ta' reklutaġġ ta' persunal; kompetizzjonijiet għal postijiet tax-xogħol pubbliċi battala; sentenzi li jikkonċernaw il-kanċellazzjoni ta' kambjala / ċekk; ir-rapport tal-attività regolari tal-awtoritajiet pubbliċi; notifiki dwar il-kompetizzjoni tad-dħul għall-Istitut tal-Maġistratura Nazzjonali (*Institutul Național al Magistraturii*), l-eżami ta' kompetenza għall-maġistrati u l-lista ta' postijiet battala għall-maġistrati; in-notifika għal kompetizzjoni għal postijiet tax-xogħol battala għal assistenti maġistrati fil-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u tal-Ġustizzja eċċ.);
- Fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet legali, l-atti legali li jikkonċernaw l-operaturi ekonomiċi u kategoriji oħrajn ta' persuni ġuridiċi, kif ukoll atti oħrajn stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet legali, jiġu ppubblikati fil-Parti IV (pereżempju id-deċiżjoni għar-rikonoxximent fir-Rumanija ta' persuni ġuridiċi bla skop ta' qligħ barranin; sentenzi li japprovaw il-modifika ta' statut ta' partit politiku; id-deċiżjoni tat-tribunal li jiftaħ proċediment ta' falliment; notifiki ta' bejgħ fl-irkant ta' oġġetti; tmiem il-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu u d-deċiżjoni tal-Bank Nazzjonali tar-Rumanija biex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni; id-deċiżjonijiet tad-direttur ġenerali tal-Uffiċċju Rumen tad-Drittijiet tal-Awtur biex jiġu rtirati u sospiżi ċertifikati ta' reġistrazzjoni, eċċ.)
- il-ftehim kollettiv konkluż fil-livell nazzjonali u tal-fergħa, il-konvenzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, u atti oħrajn stabbiliti skont id-dispożizzjonijiet legali, jiġu ppubblikati fil-Parti V;
- notifiki tal-għoti ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku u notifiki tal-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi u ta' konċessjoni tas-servizzi, kuntratti ta' konċessjoni ta' provvista pubblika u notifiki oħrajn stabbiliti skont dispożizzjonijiet legali (eż. notifiki skont il-Liġi Nru 350/2005 dwar is-sistema tal-għotjiet; konċessjonijiet - avviżi ta' kuntratt skont l-Ordni ta' Emerġenza Nru 54/2006 dwar is-sistema ta' kuntratti ta' konċessjoni ta' provvista pubblika).

Nota: skont il-Liġi Nru 98/2016 dwar l-akkwist pubbliku, in-notifiki jiġu ppubblikati fil-livell nazzjonali permezz tas-sistema ta' akkwist pubbliku elettroniku [SEAP](#), li tintuża għall-fini tal-applikazzjoni tal-proċedura ta' għoti b'mezzi elettroniċi.

- Fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet legali, l-atti legali li jikkonċernaw il-kooperattivi u kategoriji oħrajn ta' persuni ġuridiċi stabbiliti minn kooperattivi, u atti oħrajn relatati ma' kooperazzjoni, kif stabbilit skont id-dispożizzjonijiet legali (eż. il-konklużjoni għar-reġistrazzjoni tal-imħallef delegat tal-kooperattiva fir-reġistru kummerċjali, l-att tal-ħatra tal-likwidaturi, u kull att ieħor li jista' jwassal għal bidliet għall-personalità tagħhom, eċċ.) jiġu ppubblikati fil-Parti VII.

II. Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali (ONRC)

a) Fir-rigward tal-professionisti rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali:

- l-estratt tar-riżoluzzjoni / ir-riżoluzzjoni tar-reġistrazzjoni (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija, il-Parti IV jew VII);
- atti li jemendaw l-istrumenti ta' inkorporazzjoni u n-notifiki dwar il-preżentazzjoni tal-istrument aġġornat ta' inkorporazzjoni (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija);
- sentenzi, għall-każijiet previsti mil-liġi (il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija);
- deċiżjonijiet tal-qorti li jiddeċiedu dwar xoljiment (fil-Parti IV tal-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija u fuq is-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jew fuq il-portal tas-servizzi onlajn tiegħu);
- riżoluzzjonijiet ta' ħatra ta' likwidatur skont l-Artikolu 237(6) tal-Liġi Nru 31/1990 dwar il-kumpaniji (fuq is-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali u fuq il-portal tas-servizzi onlajn tiegħu);
- proġetti ta' amalgamazzjoni / qsim (fil-Parti IV tal-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew, b'għażla tal-applikant, fuq is-sit web tiegħu stess, u f'dak il-każ ir-reġistru kummerċjali fejn tkun irreġistrata l-kumpanija jippubblika l-proġett ta' amalgamazzjoni jew qsim fuq is-sit web tiegħu stess bla ħlas);
- ir-riżoluzzjonijiet li jiċċdu l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni u r-reġistrazzjonijiet li ma jirriżultawx fl-emenda tal-istrument ta' inkorporazzjoni (fis-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jew fuq il-portal tas-servizzi onlajn);
- il-lista ta' kumpaniji li r-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jrid jippreżenta azzjonijiet għax-xoljiment tagħhom skont l-Artikolu 237(2) tal-Liġi Nru 31/1990 dwar il-kumpaniji (is-sit jew il-portal tas-servizzi onlajn);
- il-lista ta' kumpaniji li r-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jrid jippreżenta azzjonijiet għat-tneħħija tagħhom skont l-Artikolu 237(9) tal-Liġi Nru 31/1990 dwar il-kumpaniji (is-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jew il-portal tas-servizzi onlajn);
- il-lista ta' kumpaniji li r-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jrid jippreżenta azzjonijiet għat-tneħħija tagħhom skont l-Artikolu 260(7) tal-Liġi Nru 31/1990 tittella' fis-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jew fil-portal tas-servizzi onlajn;
- id-deċiżjonijiet tat-tribunal li jiddeċiedu dwar it-tneħħija skont l-Artikolu 237(10) tal-Liġi Nru 31/1990 dwar il-kumpaniji (fis-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali jew fil-portal tas-servizzi onlajn tiegħu);
- id-deċiżjonijiet tat-tribunal li jiddeċiedu dwar it-tneħħija skont l-Artikolu 260(8) tal-Liġi Nru 31/1990 dwar il-kumpaniji (fis-sit tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali u fil-portal tas-servizzi onlajn tiegħu).

b) Għall-*professionisti* koperti mil-Liġi Nru 85/2014 dwar il-proċeduri li jipprevjenu l-insolvenza u l-proċedimenti ta' insolvenza, kif emendata u ssupplimentata sussegwentement, l-atti proċedurali maħruġa mill-qorti, minn ħaddiema fil-qasam tal-insolvenza (l-amministratur tal-insolvenza / il-likwidatur maħtur mill-qorti), u minn persuni awtorizzati oħrajn li ġejjin jiġu ppubblikati fil-Bullettin tal-Insolvenza skont il-liġi:

- taħrikiet, notifiki u sentenzi;
- konvokazzjonijiet u notifiki;
- atti proċedurali oħrajn stipulati mil-liġi.

Għall-*persuni fiżiċi* koperti mil-Liġi Nru 151/2015 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza għall-persuni fiżiċi, l-atti proċedurali nnotifikati / ikkonsenjati mill-bord tal-insolvenza, l-amministratur tal-insolvenza, il-likwidatur u l-awtoritajiet tal-qorti li ġejjin jiġu ppubblikati fit-taqsim "Debituri - persuni fiżiċi b'obbligi li mhux ġejjin mill-operat ta' negozju" tal-Bullettin tal-Insolvenza:

- deċiżjonijiet tal-bord tal-insolvenza;
- notifiki;

- sentenzi;
- atti proċedurali oħrajn stipulati mil-liġi.

III. Il-Portal tal-Qrati

Skont l-Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (il-Liġi Nru 134/2010), meta l-attur jallega, fuq bażi motivata, li, għalkemm għamel kulma seta', ma setax isib id-domiċilju tal-konvenut jew post ieħor fejn dan seta' jiġi nnotifikat skont il-liġi, il-qorti tkun tista' tapprova n-notifika tad-dokumenti fir-rigward ta' dak il-konvenut b'taħrika ppubblikata. Taħrikiet ippubblikati jikkonsistu fil-wiri taċ-ċitazzjoni fuq bieb il-qorti, *fuq il-portal tal-qorti kompetenti* u fl-aħħar domiċilju magħruf tal-persuna li qed tiġi nnotifikata. Meta jidhrilha li jkun hemm bżonn, il-qorti tordna u tippubblika ċ-ċitazzjoni fil-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew f'gazzetta ċentrali b'ċirkolazzjoni kbira.

F'dan ir-rigward, fil-Portal tal-Qorti hemm [taqsima ġenerali ddedikata għat-taħrikiet ippubblikati](#). Barra minn hekk, is-sit ta' kull qorti jospita wkoll taqsima ddedikata għat-taħrikiet ippubblikati (ara pereżempju, [is-sit tat-Tribunal ta' Bucharest](#)).

Minn liema organizzazzjoni(jiet) jiġu ppubblikati l-avviżi uffiċjali?

Skont il-leġiżlazzjoni applikabbli għal kull tip ta' avviż, mill-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew mill-istituzzjonijiet emittenti.

Fir-rigward tal-każijiet partikolari ppreżentati fuq: Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali, il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija jew il-qrati.

L-aċċess għall-avviżi uffiċjali hu bla ħlas?

I. Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija

L-atti ppubblikati fil-Partijiet III-VII tal-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija huma aċċessibbli bla ħlas fuq l-internet u huma aċċessibbli f'forma li tinqara għal għaxart ijiem mill-pubblikazzjoni tagħhom.

Il-prodotti f'forma elettronika disponibbli onlajn għal korrispettiv (Expert-Monitor u Autentic-monitor), inklużi t-tariffi applikati mill-Kumpanija Awtonoma "Monitorul Oficial", huma deskritti [fis-sit](#) dwarhom.

II. Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali (ONRC)

a) Iva, l-avviżi relatati mal-professjonisti rreġistrati mar-Reġistru Kummerċjali [fil-portal tar-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali](#).

b) L-aċċess għall-Bullettin tal-Insolvenza, il-pubblikazzjoni onlajn b'atti proċedurali ppubblikati ta' professjoni li deħlin fi proċedimenti ta' insolvenza skont il-Liġi Nru 85/2014 dwar il-proċeduri li jipprevjenu l-insolvenza u l-proċedimenti ta' insolvenza, jingħata b'abbonament bi ħlas.

L-aċċess għat-taqsima "*Debituri - persuni fiżiċi b'obbligi li mhux ġejjin mill-operat ta' negozju*" tal-Bullettin tal-Insolvenza jingħata bla ħlas lid-debitur, lill-kreditur, lill-amministratur tal-insolvenza / lill-likwidatur, lill-bord tal-insolvenza, u lill-qorti f'każijiet fejn ikollhom dak ir-rwol.

Il-portal [tas-servizzi onlajn ONRC](#) juri sensiela ta' informazzjoni bla ħlas dwar il-persuni ppubblikati fil-Bullettin tal-Insolvenza.

III. Il-Portal tal-Qrati

L-aċċess għall-Portal tal-Qrati huwa bla ħlas.

X'tipi ta' tiftixiet jistgħu jsiru?

I. Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija

Fil-verżjoni bla ħlas tal-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija ([e-Monitor](#)) ma jista' isir l-ebda tiftix awtomatiku ta' atti ppubblikati. Għalhekk, l-utenti għandhom biss il-possibbiltà li jagħżlu, permezz ta' kalendarju, id-data tal-pubblikazzjoni u n-numru tal-Gazzetta Uffiċjali (għal kull Parti).

II. Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali (ONRC)

a) Fir-rigward *tal-professionisti rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali*, it-tiftix jista' jsir skont wieħed mill-kriterji ta' tiftix li ġejjin jew taħlita massima tagħhom:

- In-numru tar-reġistru kummerċjali
- Il-kontea
- Isem il-kumpanija
- Id-data tal-pubblikazzjoni
- Il-kodiċi fiskali
- Is-sena tal-karta bilanċjali

b) Fir-rigward *tad-debituri fil-proċedimenti ta' insolvenza*, it-tiftix jista' jsir fit-Taqsima "*Servizzi Onlajn tal-Bullettin tal-Insolvenza (BPI)*" (*Servicii online BPI*), fis-sottotaqsimiet "*Persuni ppubblikati fil-BPI*" (*Persoane publicate in BPI*) u "*Sommarju tan-Numru BPI*" (*Sumar număr BPI*), bl-użu tal-kriterji tal-għażla li ġejjin:

- il-persuna ppubblikata fil-BPI;
- in-numru tal-bullettin;
- in-numru tal-każ;
- in-numru ta' reġistrazzjoni tat-taxxa;
- in-numru tan-negozju rreġistrat;
- il-perjodu ta' publikazzjoni;
- is-sena tal-pubblikazzjoni fil-BPI.

III. Il-Portal tal-Qrati

Iċ-ċitazzjonijiet tista' tfittixhom fil-Portal tal-Qrati skont l-isem (l-isem u l-kunjom jew wieħed minn dawn l-elementi) tal-parti mħarrka.

Jekk tintuża [t-taqsimha ġenerali](#) tal-Portal tal-Qrati, ir-riżultati ta' tiftix ikunu ċitazzjonijiet ippubblikati mill-qrati kollha, u jekk tintuża taqsima ddedikata lil qorti partikolari (eż. [it-Tribunal ta' Bucharest](#)), ir-riżultati tat-tiftix ikunu ċitazzjonijiet ippubblikati minn dik il-qorti biss.

Minn liema data se jkunu disponibbli l-avviżi uffiċjali fil-format elettroniku?

I. Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Rumanija

[e-Monitor](#) - 2008

II. Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali (ONRC)

a) Fir-rigward tal-professionisti rreġistrati fir-Reġistru Kummerċjali, 2012.

b) Ir-Reġistru Kummerċjali Nazzjonali ppubblika l-ewwel ħarġa tal-Bullettin tal-Insolvenza f'format elettroniku fl-1 ta' Awwissu 2006, u din tista' tiġi aċċessata [mill-portal tas-servizzi onlajn tal-ONRC](#).

III. Il-Portal tal-Qrati

Il-faċilità li tirrigwarda taħrikiet ippubblikati ilha disponibbli [fil-Portal tal-Qrati](#) minn Marzu 2013.

It-tiftixiet jistgħu jiġu ssejvjati u jistgħu jintbagħtu notifiki meta jintlaħqu l-kriterji?

Mhux applikabbli

L-avviżi uffiċjali huma disponibbli bla ħlas bħala *data* miftuħa? Jekk dan hu l-każ, fejn jistgħu jinstabu r-repożitorju u / jew l-informazzjoni?

Il-Portal tal-Qrati jippermettu [aċċess skedat](#) għal settijiet ta' *data* li jirrigwardaw atti tal-kawżi u laqgħat, mhux għal taħrikiet ippubblikati. L-informazzjoni dwar dawn tal-aħħar tinsab f'format HTML biss.

■ L-aħħar aġġornament: 04/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.